Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Lulju 1978

li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali tal-prattikanti tad-dentistrija, inklużi l-miżuri biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà biex jiġu pprovduti servizzi

(78/686/KEE)

(ĠU L 233 , 24.8.1978, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva Tal-Kunsill 89/594/KEE tat-30 ta' Ottubru 1989	L 341	19	23.11.1989
►**M2**	Id-Direttiva Tal-Kunsill 90/658/KEE ta' l-4 ta' Diċembru 1990	L 353	73	17.12.1990
►**M3**	Id-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Mejju 2001	L 206	1	31.7.2001

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A4**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Lulju 1978

li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali tal-prattikanti tad-dentistrija, inklużi l-miżuri biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà biex jiġu pprovduti servizzi

(78/686/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 49, 57, 66 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi, skond it-Trattat, it-trattament diskriminatorju kollu bbażat fuq iċ-ċittadinanza fir-rigward ta' l-istabbilità u l-provvista tas-servizzi hu pprojbit mill-aħħar tal-perjodu transitorju; billi l-prinċipju ta' dan it-trattament ibbażat fuq iċ-ċittadinanza japplika b'mod partikolari għall-għotja ta' kull awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi pprattikata d-dentistrija u wkoll għal reġistrazzjoni ma'jew sħubija ma organizzazzjonijiet jew korpi professjonali; Billi jidher madanakollu mixtieq li jiġu introdotti ċerti dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' prattikanti dentisti;

Billi, skond it-Trattat, l-Istati Membri huma meħtieġa ma jagħtu ebda forma ta' għajnuna li x'aktarx tfixkel il-kondizzjonijiet ta' stabbilliment;

Billi l-Artikolu 57(1) tat-Trattat jipprovdi li għandhom jinħarġu Direttivi għar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali; filwaqt li l-iskop ta' din id-Direttiva hu r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali ta' prattikant tad-dentistrija li jagħmluha possibbli li jinbdew u jitwettqu attivitajiet fil-qasam tad-dentisti u r-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fir-rigward ta' prattikanti tad-dentistrija speċjalizzata;

Billi, fir-rigward tat-taħriġ tal-prattikanti tad-dentistrija speċjalizzata, ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki tat-taħriġ hu rakkomandat meta dawn il-kwalifiki, waqt li mhumiex kondizzjoni biex jinbdew l-attivitajiet ta' prattikant tad-dentistrija speċjalizzata, huma għaldaqstant kondizzjoni għall-użu ta' titolu ta' speċjalist;

Billi, bl-iskop tad-differenzi kurrenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tan-numru ta' speċjalizzazzjonijiet fis-sengħa tad-dentisti u fit-tip jew it-tul tal-korsijiet ta' taħriġ għal dawn l-ispeċjalizzazzjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti ċerti dispożizzjonijiet ta' koordinazzjoni maħsuba biex Stati Membri jkunu jistgħu jipproċedu bir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali li għandhom jiġu stabbiliti; billi din il-koordinazzjoni ġiet effettwata bid-Direttiva tal-Kunsill 78/687/KEE tal-25 ta' Awwissu 1978 li tikkonċerna l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-prattikanti tad-dentistrija ([3]);

Billi, għalkemm il-koordinazzjoni msemmija iktar' il fuq ma kenitx maħsuba biex tarmonizza d-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Istati Membri dwar it-taħriġ tal-prattikanti tad-dentistrija speċjalizzata, huwa madnakollu approprjat li wieħed jipproċedi bir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prattikant tad-dentistrija speċjalizzata li mhumiex konswetudinarji għall-Istati Membri kollha, mingħajr madanakollu ma tiġi eskluża l-possibbiltà ta' armonizzazzjoni sussegwenti f'dan il-qasam; billi kien ikkunsidrat f'din

([1]) ĠU C 101, ta' l-4.8.1970, p. 19.
([2]) ĠU C 36, tat-28.3.1970, p. 17.
([3]) ĠU L 233, tal-25.7.1978, p. 10.

▼B

il-konnessjoni li r-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prattikant tad-dentistrija speċjalizzata għandha tiġi restritta għal dawk l-Istati Membri meta hi magħrufa din l-ispeċjalizzazzjoni;

Billi fir-rigward ta' l-użu tat-titoli akkademiċi, ladarba Direttiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi ma timplikax neċessarjament ekwivalenza fit-taħriġ kopert minn dawn id-diplomi, l-użu ta' dawn it-titoli għandu jkun awtorizzat biss fil-lingwa ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membri li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani;

Billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva minn awtoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu li, f'addizzjoni għal ċertifikati formali ta' taħriġ, persuna li tissoddisfa l-kondizzjonijiet ta' taħriġ meħtieġa minn dawn l-awtoritajiet għandha tipprovdi ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu jew ta' l-Istat Membru li minnu tiġi li jiddikjara li dawn iċ-ċertifikati ta' taħriġ huma dawk koperti minn din id-Direttiva;

Billi, fil-każ tal-provvista ta' servizzi, il-ħtieġa tar-reġistrazzjoni ma' jew is-sħubija ma organzzazzjonijiet jew korpi professjonali, ladarba hi relatata man-natura fissa u permanenti ta' l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiż ospitanti kienet b'hekk mingħajr dubju tikkostitwixxi ostakolu għall-persuni li jixtiequ jipprovdu s-servizz, għar-raġuni tan-natura temporanja ta' din l-attività; billi din il-ħtieġa għandha għalhekk tiġi abolita; billi, madanakollu, f'dan il-każ, il-kontroll fuq dixxiplina professjonali li hi r-responsabbiltà ta' dawn l-organizzazzjonijiet jew korpi professjonali, għandha tiġi garantita; billi, b'dan l-iskop, għandu jiġi pprovdut, soġġett għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 62 tat-Trattat, li l-persuna kkonċernata tista' tkun meħtieġa tissottometti lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-provvista ta' servizzi;

Billi fir-rigward tal-ħtiġiet li jirrelataw mal-karattru tajjeb u r-reputazzjoni tajba, għandha titfassal distinzjoni bejn il-ħtiġiet li għandhom jiġu ssodisfati malli tinbeda l-professjoni u dawk li għandhom jiġu ssodisfati għall-prattika tagħha;

Billi, sa fejn l-attivitajiet tad-dentistrija prattikanti impjegati huma kkonċernati, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fil-Komunità [1] ma jqiegħed ebda dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-karattru tajjeb jew mar-reputazzjoni tajba, id-dixxiplina professjonali jew l-użu tat-titolu għall-professjonijiet koperti; billi, jiddependi fuq l-Istat Membru individwali, dawn ir-regoli huma jew jistgħu ikunu applikabbli għal kemm persuni impjegati kemm persuni li jaħdmu għal rashom; billi l-attivitajiet tal-prattikanti tad-dentistrija huma jew sejrin ikunu soġġetti fl-Istati Membri kollha għall-pussess ta' diploma, ċertifikat, jew prova oħra ta' kwalifika formali fid-dentistrija; billi dawn l-attivitajiet huma mwettqa minn kemm persuni impjegati kemm persuni li jaħdmu għal rashom, jew mill-istess persuni fiż-żewġ kapaċitajiet fil-karriera professjonali tagħhom; billi, sabiex jiġu inkuraġġati sa fejn hu possibbli l-libertà tal-moviment tagħhom fil-Komunità, jidher għalhekk neċessarju li din id-Direttiva tiġi estiża biex tkopri prattikanti tad-dentistrija impjegati;

Billi l-professjoni tad-dentisti għadha mhix organizzata fl-Italja; billi huwa għalhekk neċessarju li l-Italja tiġi mogħtija perjodu addizzjonali għar-rikonoxximent tad-diplomi tal-prattikanti tad-dentistrija mogħtija mill-Istati Membri l-oħrajn;

Billi, madanakollu, dan ifisser li dawk fil-pussess ta' diploma tat-tobba mogħtija mill-Italja jistgħu ma jakkwistawx ċertifikat li jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 19 ta' din id-Direttiva;

Billi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, hu neċessarju li jiġi diferit minn naħa waħda l-obbligu ta' l-Italja li tirrikonoxxi diplomi mogħtija mill-Istati Membri l-oħrajn u minn naħa l-oħra dik ta' l-Istati Membri li jirrikonoxxu diplomi mogħtija fl-Italja kif imsemmi fl-Artikolu 19,

[1] ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.

▼B

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

IL-QASAM TA' L-APPLIKAZZJONI

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet tal-prattikanti tad-dentistrija kif definit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE imwettqa taħt it-titoli li ġejjin:

— fil-Ġermanja:

Zahnarzt,

— fil-Belġju:

licencié en science dentaire/licentiaat in de tandheelkunde,

— fid-Danimarka:

tandlæge,

— fi Franza:

chirurgien-dentiste,

— fl-Irlanda:

dentist, dental practitioner or dental surgeon,

▼M1

— fl-Italja:

odontoiatra,

▼B

— fil-Lussemburgu:

médecin-dentiste,

— fl-Olanda:

tandarts,

— fir-Renju Unit:

dentist, dental practitioner or dental surgeon,

▼A1

— fil-Greċja:

Οδοντίατρος ή χειρούργος οδοντίατρος,

▼A2

— fi Spanja:

Licenciado en Odontologia,

— fil-Portugall:

médico dentista,

▼A3

— fl-Awstrija:

it-titolu li għandu jkun innotifikat mill-Awstrija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998,

— fil-Finlandja:

hammaslaeaekaeri/tandlaekare,

— fl-Isvezja:

tandlaekare,

▼A4

— fir-Repubblika Ċeka:

Zubní lékař,

— fl-Estonja:

Hambaarst,

▼A4

— f'Ċipru:

Οδοντίατρος,

— fil-Latvja:

Zobārsts,

— fil-Litwanja:

Gydytojas odontologas,

— fl-Ungerija:

Fogorvos,

— f'Malta:

Kirurgu Dentali,

— fil-Polonja:

Lekarz dentysta,

— fis-Slovenja:

Doktor dentalne medicine /Doktorica dentalne medicine,

— fis-Slovakkja:

Zubný lekár.

▼B

IL-KAPITOLU II

DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U PROVI OĦRAJN TA' KWALIFIKI FORMALI FID-DENTISTRIJA

L-Artikolu 2

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fid-dentistrija mogħtija lil ċittadini ta' l-Istati Membri mill-Istati Membri l-oħrajn skond l-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE u li huma ►M3 elenkati fl-Anness A ◄ ta' din id-Direttiva, billi jagħti lil dawn il-kwalifiki, sa fejn hu kkonċernat id-dritt li jinbdew u jkunu segwiti l-attivitajiet ta' prattikant tad-dentistrija, l-istess effett fit-territorju tiegħu bħal dawk li l-Istat Membru proprju jagħti.

▼M3

▼B

IL-KAPITOLU III

▼M3

DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U EVIDENZA OĦRA TA' KWALIFIKI FORMALI FID-DENTISTRIJA SPEĊJALIZZATA

L-Artikolu 4

Kull Stat Membru li għandu d-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam preskritti b'liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva, għandu jirrikonoxxi d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta'kwalifiki formali ta' dentisti li jispeċjalizzaw fl-ortodonzja u fil-kirurġija orali mogħtija liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri minn Stati Membri oħra skond l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 78/687/KEE u li huma elenkati fl-Anness B, billi jikkonċedi lill dawn il-kwalifiki l-istess effett fit-territorju tiegħu bħad-diplomi, ċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali li jagħti hu stess.

▼B

L-Artikolu 6

1. Ċittadini ta' l-Istati Membri li jixtiequ jakkwistaw wieħed mid-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali ta' prattikant fis-sengħa tad-dentisti speċjalizzata li mhumiex mogħtija ċ-ċertifikat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani, jistgħu ikunu meħtieġa minn Stat Membru ospitanti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' taħriġ stabbiliti fir-rigward ta' l-ispeċjalità bil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tiegħu stess.

2. L-Istat Membru ospitanti għandu, madanakollu, jieħu kont, kompletament jew parzjalment, tal-perjodi ta' taħriġ kompletati miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 u attestati bil-pussess ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' taħriġ formali mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani, sakemm dawn il-perjodi ta' taħriġ jikkorrispondu ma' dawk meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti għat-taħriġ speċjalizzat inkwistjoni.

▼M3

Għandu jikkonsidra wkoll kull esperjenza professjonali, taħriġ addizzjonali u edukazzjoni dentali kontinwa li huma għandhom.

3. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti ta'l-Istat Membru ospitanti, wara li jkunu assessjaw il-kontenut u t-tul tat-taħriġ tal-persuna kkonċernata fuq il-bażi tad-diplomi, ċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali sottomessi, u billi jikkunsidraw l-esperjenza professjonali, it-taħriġ addizzjonali u l-edukazzjoni dentali kontinwa li hu għandu, għandhom jinfurmawh bil-perijodu ta' taħriġ addizzjonali meħtieġ u l-oqsma li jridu jiġu koperti b'dan.

4. L-Istat Membru għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu fi żmien erba' xhur mid-data li fiha l-applikant jissottometti l-applikazzjoni tiegħu flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn.

▼B

IL-KAPITOLU IV

ĊIRKOSTANZI EŻISTENTI

L-Artikolu 7

1. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, ċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali tagħhom ma jissodisfawx il-ħtiġiet kollha ta' taħriġ minimu stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, ċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fid-dentistrija mogħtija minn dawk l-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 78/687/KEE, li magħhom ikun hemm ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini kienu effettivament u b'mod legali ingaġġati fl-attivitajiet inkwistjoni għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fid-dentistrija speċjalizzata ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi ta' taħriġ taħt l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 78/687/KEE, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fis-sengħa tad-dentisti speċjalizzata mogħtija minn dawk l-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 78/687/KEE. L-Istat Membru jista' madanakollu, jeħtieġ li dawn id-diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani, li jiddikjara li kien ingaġġat f'attivitajiet ta' sengħa ta' dentist speċjalizzata għal perjodu ekwivalenti għal darbtejn id-differenza bejn it-tul tat-taħriġ speċjalizzat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani u l-perjodu minimu ta' taħriġ imsemmi fid-Direttiva 78/687/KEE meta

▼B

dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali ma jissodisfawx il-perjodu minimu ta' taħriġ stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 78/687/KEE.

Madanakollu, jekk qabel ma tiġi implimentata din id-Direttiva, l-Istat Membru ospitanti jeħtieġ perjodu minimu ta' taħriġ li jdum inqas minn dak imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 78/687/KEE, id-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tiġi determinata biss b'referenza għall-perjodu minimu ta' taħriġ stabbilit minn dak l-Istat.

▼M1

3. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhomtal-kwalifiki formali fid-dentistrija jew fid-dentistrija speċjalista (orthodontrija jew kirurġija orali) mhumiex konformi mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti ►M3 fl-Annessi A u B ◄, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prattikant dentist jew prattikant dentist speċjalista (orthodontrija u kirurġija orali) ingħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 78/687/KEE, imsemmija, kif approprjat, fl-Artikolu 2 jew 4 ta' din id-Direttiva, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala l-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti, kif approprjat, ►M3 fl-Annessi A u B ◄ ta' din id-Direttiva.

▼M2

L-Artikolu 7a

1. Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali tagħhom bħala prattikant dentist jiċċertifikaw taħriġ riċevut fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja li ma jissodisfax il-ħtiġiet minimi kollha ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE, l-Istati Membri ta' xort'oħra mill-Ġermanja għandhom jirrikonoxxu dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti jekk:

— dawn jiċċertifikaw taħriġ li jkun beda qabel l-unifikazzjoni tal-Ġermanja,

— dawn jintitolaw lit-titolari biex isegwi l-attivitajiet ta' dentist prattikant fit-territorju kollu tal-Ġermanja taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-kwalifiki mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi u msemmija ►M3 fl-Anness A ◄, u

— dawn ikunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi li dawk iċ-ċittadini kienu effettivament u legalment involuti fl-attivitajiet inkwistjoni fil-Ġermanja għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali tagħhom bħala dentisti prattikanti speċjalizzati jiċċertifikaw taħriġ riċevut fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja li ma jissodisfax il-ħtiġiet minimi ta' taħriġ stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 78/687/KEE, l-Istati Membri ta' xort'oħra mill-Ġermanja għandhom jirrikonoxxu dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti jekk:

— dawn jiċċertifikaw taħriġ li jkun beda qabel l-unifikazzjoni tal-Ġermanja, u

— dawn jintitolaw lit-titolari biex iwettaq, bħala dentist prattikant speċjalista, l-attività inkwistjoni fit-territorju kollu tal-Ġermanja taħt l-istess kondizzjonijiet tal-kwalifiki mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi u msemmija ►M3 fl-Anness B ◄.

Jistgħu, madanakollu, jeħtieġu li dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti Ġermaniżi li jgħid li t-titolari

▼M2

kien, bħala dentist prattikant speċjalista, involut fl-attività inkwistjoni għall-perjodu ekwivalenti għal darbtejn id-differenza bejn il-perjodu ta' taħriġ speċjalizzat riċevut fit-territorju Ġermaniż u t-tul minimu ta' taħriġ stabbilit fid-Direttiva 78/687/KEE, meta dawn ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi fir-rigward tat-tul ta' taħriġ stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 78/687/KEE.

▼A4

L-Artikolu 7b

1. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata ingħataw minn, jew li t-taħriġ tagħhom beda fi, l-ex-Unjoni Sovjetika qabel l-20 ta' Awissu 1991, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi li dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fil-mediċina u l-mediċina speċjalizzata huma prova biżżejjed meta l-awtorijatiet ta' l-Estonja jaffermaw li dawk il-kwalifiċi għandhom, fuq it-territorju tagħha, l-istess validità legali bħall-kwalifiċi Estoni fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni ta' dentist u l-prattika tagħha. Din l-affermazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu segwew l-attività msemmija fit-territorju ta' l-Estonja effettivament u legalment għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata ġew mogħtija minn, jew li t-taħriġ tagħhom beda fi, l-ex-Unjoni Sovjetika qabel il-21 ta' Awissu 1991, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi li dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fil-mediċina u l-mediċina speċjalizzata huma prova biżżejjed meta l-awtorijatiet tal-Latvja jaffermaw li dawk il-kwalifiċi għandhom, fuq it-territorju tagħha, l-istess validità legali bħall-kwalifiċi Latvjani fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni ta' dentist u l-prattika tagħha. Din l-affermazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu segwew l-attività msemmija fit-territorju tal-Latvja effettivament u legalment għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

3. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata ġew mogħtija minn, jew li t-taħriġ tagħhom beda fi, l-ex-Unjoni Sovjetika qabel il-11 ta' Marzu 1990, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi li dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fil-mediċina u l-mediċina speċjalizzata huma prova biżżejjed meta l-awtorijatiet tal-Litwanja jaffermaw li dawk il-kwalifiċi għandhom, fuq it-territorju tagħha, l-istess validità legali bħall-kwalifiċi Litwani fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni ta' dentist u l-prattika tagħha. Din l-affermazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu segwew l-attività msemmija fit-territorju tal-Litwanja effettivament u legalment għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

4. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata ingħataw minn, jew li t-taħriġ tagħhom beda fi, il-Jugoslavja qabel il-25 ta' Ġunju 1991, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi li dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali tagħhom fil-mediċina u l-mediċina speċjalizzata huma prova biżżejjed meta l-awtorijatiet tas-Slovenja jaffermaw li dawk il-kwalifiċi għandhom, fuq it-territorju tagħha, l-istess validità legali bħall-kwalifiċi Sloveni fid-dentistrija jew id-dentistrija speċjalizzata fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni ta' dentist u l-prattika tagħha. Din l-affermazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li

▼A4

jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu segwew l-attività msemmija fit-territorju tas-Slovenja effettivament u legalment għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

▼B

IL-KAPITOLU V

L-UŻU TAT-TITOLU AKKADEMIKU

L-Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, l-Istati Membri ospitanti għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti ►A4 l-Artikoli 2, 4, 7, 19, 19a, 19b, 19ċ u 19d ◄ jkollhom id-dritt li jużaw it-titolu akkademiku bil-liġi sa fejn dan mhuwiex identiku mat-titolu professjonali jew, meta approprjat, l-abbrevjazzjoni tiegħu, ta' l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom jew ta' l-Istat Membru minn fejn jiġu, fil-lingwa ta' dak l-Istat. L-Istati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu li dan it-titolu jkollu warajh l-isem u l-post ta' stabbiliment jew tal-bord ta' eżami li tah.

2. Jekk it-titolu akkademiku użat fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani jista' jiġi konfuż fl-Istat Membru ospitanti ma titolu li jeħtieġ taħriġ addizzjonali f'dak l-Istat li il-persuna kkonċernata ma ħaditx, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li din il-persuna tuża t-titolu impjegat fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru li minnu tiġi fi kliem xieraq li għandu jiġi abbozzat mill-Istat Membru li jospita.

IL-KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET BIEX JIFFAĊILITAW L-EŻERĊIZZJU EFFETTIV TAD-DRITT TA' STABBILIMENT U L-LIBERTÀ LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI FIR-RIGWARD TA' L-ATTIVITAJIET TAL-PRATTIKANTI TAD-DENTISTRIJA

A. **Dispożizzjonijiet li jirrelataw speċifikament mad-dritt ta' stabbiliment**

L-Artikolu 9

1. Stat Membru ospitanti li jeħtieġ miċ-ċittadini tiegħu prova tal-karattru tajjeb jew tar-reputazzjoni tajba meta jibdew għall-ewwel darba xi wieħed mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandu jaċċetta bħala prova suffiċjenti, fir-rigward ta' ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħrajn, ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani li jattesta li l-ħtiġiet ta' l-Istat Membru dwar il-karattru tajjeb jew ir-reputazzjoni tajba biex tinbeda l-attività inkwistjoni ġew issodisfati.

2. Meta l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani ma jeħtiġux prova tal-karattru tajjeb jew tar-reputazzjoni tajba tal-persuni li jixtiequ jibdew l-attività inkwistjoni għall-ewwel darba, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ miċ-ċittadini ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani estratt mir "reġistru ġudizzjarju" jew, fin-nuqqas ta' dan, dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani.

3. Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu tagħrif dettaljat ta' kwistjoni serja li ġrat qabel l-istabbiliment tal-persuna kkonċernata f'dak l-Istat barra t-territorju tiegħu u li x'aktarx taffettwa l-bidu fit-territorju tiegħu ta' l-attività kkonċernata, jista' jinforma l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani.

L-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadinl barrani għandu jivverifika l-eżattezza tal-fatti jekk x'aktarx jaffettwaw f'dak l-Istat Membru il-bidu ta' l-attività inkwistjoni. L-awtoritajiet f'dak l-Istat għandhom jiddeċiedu dwar in-natura u sa fejn għandha ssir

▼B

l-investigazzjoni u għandhom jinformaw l-Istat Membru ospitanti b'kull azzjoni konsekwenzjali li jieħdu fir-rigward taċ-ċertifikati jew id-dokumenti li ħarġu.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni mgħoddija.

L-Artikolu 10

1. Meta, fi Stat Membru ospitanti, id-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva huma fis-seħħ u jistabbilixxu ħtiġiet dwar il-karattru tajjeb jew ir-reputazzjoni tajba, inkluża d-dispożizzjoni għal azzjoni dixxiplinarja fil każ ta' kondotta ħażina professjonali serja jew kundanna għal offiżi kriminali u li jirrelataw mat-twettiq ta' xi attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani għandu jgħaddi lill-Istat Membru ospitanti l-informazzjoni neċessarja kollha li tirrigwarda miżuri jew azzjoni dixxiplinarja ta' natura professjonali jew amministrattiva meħuda fir-rigward tal-persuna kkonċernata jew li tirrigwarda pieni kriminali imposti fuqha fl-insegwiment tal-professjoni tagħha fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru li minnu tiġi.

2. Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu tagħrif dettaljat dwar kwistjoni serja li ġrat qabel l-istabbiliment tal-persuna kkonċernata fl-Istat barra t-territorju tiegħu u li x'aktarx taffettwa l-insegwiment ta' l-attività kkonċernata fit-territorju tiegħu, jista' jinforma l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani.

L-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani għandu jivverifika l-eżattezza tal-fatti jekk x'aktarx jaffettwaw f'dak l-Istat Membru l-insegwiment ta' l-attività inkwistjoni. L-awtoritajiet f'dak l-Istat għandhom jiddeċiedu dwar in-natura u sa fejn għandha ssir l-investigazzjoni u għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru ospitanti b'kull azzjoni konsekwenzjali li jieħdu fir-rigward ta' l-informazzjoni li għaddew skond il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni mgħoddija.

L-Artikolu 11

Meta Stat Membru ospitanti jeħtieġ miċ-ċittadini tiegħu li jixtiequ jibdew jew isegwu xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 ċertifikat ta' saħħa fiżika jew mentali, dak l-Istat għandu jaċċetta bħala prova suffiċjenti tagħha l-preżentazzjoni tad-dokument meħtieġ fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani.

Meta l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani ma jimponi ebda ħtiġiet ta' din in-natura fuq dawk li jixtiequ jibdew jew isegwu l-attività inkwistjoni, l-Istat Membru ospitanti għandu jaċċetta minn dan iċ-ċittadin ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti f'dak l-Istat li jikkorrispondi għaċ-ċertifikati maħruġa fl-Istat Membru li jospita.

L-Artikolu 12

Dokumenti maħruġa skond l-Artikoli 9, 10 u 11 ma jistgħux jiġu ppreżentati iktar minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

L-Artikolu 13

1. Il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-persuna kkonċernata biex tibda xi attività msemmija fl-Artikolu 1, skond l-Artikoli 9, 10 u 11, għandha tiġi kkompletata kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tad-dokumenti kollha li jirrelataw ma' din il-persuna, mingħajr preġudizzju għal dewmien li jirriżulta minn xi appell li jista' jsir mat-tmiem ta' din il-proċedura.

2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 9(3) u 10(2), talba għal rieżaminazzjoni għandha tissospendi l-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1.

▼B

L-Istat Membru kkonsultat għandu jagħti t-tweġiba tiegħu fi żmien perjodu ta' tliet xhur.

Ma' l-irċevuta tat-tweġiba jew fl-aħħar tal-perjodu l-Istat Membru ospitanti għandu jkompli bil-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 14

Meta Stat Membru ospitanti jeħtieġ li ċ-ċittadini proprji li jixtiequ jibdew jew isegwu xi attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 jieħdu ġurament jew jagħmlu dikjarazzjoni solenni u meta l-forma ta' dan il-ġurament jew dikjarazzjoni ma tistax tiġi użata minn ċittadini ta' Stati Membri oħrajn, dak l-Istat Membru għandu jassigura li forma approprjata u ekwivalenti ta' ġurament jew dikjarazzjoni hi offerta lill-perusna kkonċernata.

B. **Dispożizzjonijiet li jirrelataw speċifikament mal-provvista ta' servizzi**

L-Artikolu 15

1. Meta Stat Membru jeħtieġ miċ-ċittadini tiegħu li jixtiequ jibdew jew isegwu xi attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 awtorizzazzjoni jew sħubija ma' jew reġistrazzjoni ma organizzazzjoni jew korp professjonali, dak l-Istat Membru għandu fil-każ tal-provvista ta' servizzi jeżenta ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħrajn minn dik il-ħtieġa.

Il-persuna kkonċernata għandha tipprovdi servizzi bl-istess drittijiet u obbligi bħaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li jospita; b'mod partikolari għandha tkun soġġetta għar-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali jew amministrattiva li japplikaw f'dak l-Istat Membru.

B'dan l-iskop u f'addizzjoni mad-dikjarazzjoni li tirrelata mad-dispożizzjoni tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 l-Istati Membri jistgħu, sabiex jippermettu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-kondotta professjonali fis-seħħ fit-territorju tagħhom, jipprovdu għal reġistrazzjoni awtomatika temporanja ma' jew sħubija *pro forma* ma organizzazzjoni jew korp professjonali jew iskrizzjoni f'reġistru, sakemm dik ir-reġistrazzjoni ma tittardjax jew b'xi mod tikkomplika l-provvista ta' servizzi jew timponi xi spejjeż addizzjonali fuq il-perusna li tipprovdi s-servizzi.

Meta Stat Membru ospitanti jadotta miżura skond it-tieni subparagrafu jew isir konxju ta' fatti li jseħħu kontra dawn id-dispożizzjonijiet, għandu minnufih jinforma l-Istat Membru fejn il-persuna kkonċernata hi stabbilita.

2. L-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ lill-persuna kkonċernata tagħmel dikjarazzjoni minn qabel lill-awtortitajiet kompetenti li tikkonċerna l-provvista ta' servizzi tiegħu fejn jinvolvu żmien temporanju fit-territorju tiegħu.

F'każijiet urġenti din id-dikjarazzjoni tista' ssir kemm jista jkun malajr wara li s-servizzi ġew provduti.

3. Skond il-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ lill-persuna kkonċernata li tforni dokument wieħed jew iktar li jikkontjenu d-dettalji li ġejjin:

— id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2,

— ċertifikat li jiddikjara li l-persuna kkonċernata qed issegwi b'mod legali l-attivitajiet inkwistjoni fl-Istat Membru fejn hi stabbilita,

— ċertifikat li l-persuna konċernata għandha fil-pussess tagħha wieħed jew iktar mid-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali approprjati għall-provvista tas-servizzi inkwistjoni u msemmija f'din id-Direttiva.

4. Id-dokument jew id-dokumenti speċifikati fil-paragrafu 3 ma jistgħux jiġu ppreżentati iktar minn 12-il xahar wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

▼B

5. Meta Stat Membru temporanjament jew b'mod permanenti iċaħħad, kompletament jew parzjalment, lil wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ċittadin ta' Stat Membru ieħor stabbilit fit-territorju tiegħu mid-dritt li jwettqu xi wieħed mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, għandu, kif approprjat, jassigura l-irtirar temporanju jew permanenti taċ-ċertifikat imsemmi fit-tieni inċiż tal-paragrafu 3.

L-Artikolu 16

Meta reġistrazzjoni ma' korp pubbliku tas-sigurtà soċjali hi meħtieġa fi Stat Membru ospitanti għal ftehim ma' korpi tal-kontabbilità ta' l-assigurazzjoni li jirrelataw ma' servizzi mogħtija lil persuni assigurati taħt skemi ta' sigurtà soċjali, dak l-Istat Membru għandu jeżenta ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn din il-ħtieġa fil-każ tal-provvista ta' servizzi li jinvolvu vjaġġar min-naħa tal-persuna kkonċernata.

Fil-każijiet kollha ta' provvista ta' servizzi li jinvolvu vvjaġġar min-naħa tal-persuna kkonċernata, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġha tforni informazzjoni lil dan il-korp bil-quddiem, jew, f'każijiet urġenti, fl-opportunità l-iktar kmieni, dwar is-servizzi pprovduti.

Ċ. **Dispożizzjonijiet konswetudinarji għad-dritt ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.**

L-Artikolu 17

1. Meta fi Stat Membru ospitanti l-użu tat-titolu professjonali li għandu x'jaqsam ma' xi wieħed mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 hu soġġett għar-regoli, ċittadini ta' Stati Membri oħrajn li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ►A4 stipulati f'Artikoli 2, 7(1), 19, 19a, 19b, 19ċ u 19d ◄ għandhom jużaw it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti li, f'dak l-Istat jikkorrispondi għal dawk il-kondizzjonijiet ta' kwalifika u għandhom jużaw it-titolu abbrevjat.

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-użu tat-titoli professjonali ta' prattikant tad-dentistrija speċjalizzata minn dawk li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 7 (2) rispettivament.

L-Artikolu 18

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarja biex jagħmluha possibbli għall-persuni kkonċernati li jakkwistaw informazzjoni dwar il-liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà soċjali u, meta applikabbli, dwar l-etika professjonali ta' l-Istat Membru li jospita.

Għal dan l-iskop l-Istati Membri jistgħu iwaqqfu ċentri ta' l-informazzjoni li minnhom dawn il-persuni jistgħu jakkwistaw l-informazzjoni neċessarja. Fil-każ ta' stabbiliment, l-Istati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu l-persuna kkonċernata li tikkuntattja lil dawn iċ-ċentri.

2. L-Istati Membri jistgħu iwaqqfu ċ-ċentri msemmija fil-paragrafu 1 fi ħdan l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti li għandhom jinnominaw fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 24(1).

3. L-Istati Membri għandhom jaraw li, meta approprjat, il-persuni kkonċernati jakkwistaw, fl-interess tagħhom u dak tal-pazjenti tagħhom, it-tagħrif lingwistiku neċessarju għall-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom fl-Istat Membru li jospita.

IL-KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI LI JKOPRU L-KAŻ SPEĊJALI TA' L-ITALJA

L-Artikolu 19

►M3 1. ◄ Mid-data li fiha l-Italja tieħu l-miżuri neċessarji biex tkun konformi ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu, għall-iskopijiet ta' l-insegwiment ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn

▼B

ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija fl-Italja lil persuni li kienu bdew it-taħriġ mediku tagħhom fl-università mhux iktar tard minn 18-il xahar wara n-notifika ta' din id-Direttiva, li magħhom ikun hemm ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani, li jiċċertifika li dawn il-persuni kienu ingaġġati effettivament, legalment u prinċiparjament fl-Italja f'attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawn il-persuni huma awtorizzati li jwettqu l-imsemmija attivitajiet taħt l-istess kondizzjonijiet tal-persuni fil-pussess ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifika formali msemmija ►M3 fl-Anness A ◄ ta' din id-Direttiva.

Il-ħtieġa ta' tliet snin esperjenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha titneħħa fil-każ ta' persuni li kkompletaw b'suċċess almenu tliet snin ta' studju li huma ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

▼M3

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija fl-Italja lil persuni li bdew it-taħriġ mediku universitarju tagħhom bejn it-28 ta' Jannar 1980 u l-31 ta' Diċembru 1984 u akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani li jiddikjara:

— li l-persuni kkonċernati għaddew it-test tal-kapaċità ta' l-ispeċjalisti stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti Taljani sabiex jaċċertaw li huma għandhom livell ta' għarfien u kapaċitajiet komparabbli ma' dawk ta' persuni li għandhom il-kwalifika elenkata għall-Italja fl-Anness A;

— li huma ġew effettivament, leġittimament u prinċipalment imqabbda biex jaħdmu fl-Italja fl-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE għal ta' l-anqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat;

— u li huma awtorizzati li jibdew jaħdmu, jew li huma effettivament, leġittimament u prinċipalment imqabbda biex jaħdmu fl-attivitajiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE, suġġetti għall-istess kundizzjonijiet bħal dawk li għandhom il-kwalifika elenkata għall-Italja fl-Anness A ta' din id-Direttiva.

Il-kundizzjoni li wieħed jagħmel it-test għall-kapaċità li hemm referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandha titneħħa fil-każ ta' persuni li temmew b'suċċess ta' l-anqas tliet snin ta' studju li huma ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala ekwivalenti għat-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

▼A2

L-Artikolu 19a

Mid-data li fiha r-Renju ta' Spanja jieħu l-miżuri meħtieġa biex ikun konformi ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirikonoxxu, għall-iskopijiet li jkunu mwettqa l-attivitajiet msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, id-diplomi, ċertifikati u xhieda oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija fi Spanja lill-persuni li jkunu bdew it-taħriġ universitarju tagħhom qabel l-Adeżjoni, akkumpanjat b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli, li jiċċertifika li dawk il-persuni kienu effittivament, legalment u prinċipalment involuti fi Spanja fl-attivitajiet speċifikati f'Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE għal mill-anqas tlett snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawk il-persuni huma awtorizzati li jwettqu l-imsemmija attivitajiet bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jkollhom id-diploma, ċ-ċertifikat jew xhieda ta' kwalifiki formali msemmija ►M3 fl-Anness A ◄ ta' din id-Direttiva.

▼A2

Il-ħtieġa ta' tlett snin esperjenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun imwarrba fil-każ ta' persuni li jkunu spiċċaw b'suċċess mill-anqas tlett snin ta' studju li jkunu iċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 1 ta' Direttiva 78/687/KEE.

▼A3

L-Artikolu 19b

Mid-data li fiha r-Repubblika ta' l-Awstrija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tkun konformi ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirikonoxxu, għall-iskopijiet li jkunu mwettqa l-attivitajiet previsti fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, id-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifikazzjonijiet formali fil-mediċina mogħtija mill-Awstrija lill-persuni li jkunu bdew it-taħriġ universitarju tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 1994, akkumpanjat b'ċertifikat maħruġ mill-awtortiajiet kompetenti Awstrijaċi, li jiċċertifika li dawk il-persuni jkunu effettivament, legalment u prinċipalment involuti fl-Awstrija fl-attivitajiet indikati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/687/KEE għal mill-anqas tlett snin konsekuttivi tul il-ħames snin ta' qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawk il-persuni huma awtoriżżati li jwettqu l-imsemmija attivitajiet bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jkollhom id-diploma, ċertifikat jew provi ta' kwalifiki formali previsti ►M3 fl-Anness A ◄.

Il-ħtieġa ta' tlett snin esperjenza prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tkun imwarrba fil-każ ta' persuni li jkunu spiċċaw b'suċċess mill-anqas tlett snin ta' studju li jkunu iċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ previst fl-Artikolu 1 ta' Direttiva 78/687/KEE.

▼A4

L-Artikolu 19ċ

1. Mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu, għall-iskopijiet li jiġu segwiti l-attivitatjiet li hemm referenza għalihom Fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali fil-mediċina li ngħataw fir-Repubblika Ċeka jew fl-ex-Ċekoslovakkja lill-persuni li bdew it-taħriġ mediku ta' l-università qabel l-adeżjoni, akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Ċeki li jiċċertifika li dawn il-persuni segwew l-attività msemmija bħala l-attività ewlenija tagħhom, effettivament u legalment, fir-Repubblika Ċeka għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawn il-persuni huma awtorizzati li jsegwu l-attivitajiet imsemmija taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-possessuri tad-diploma li hemm referenza għaliha fl-Anness A ta' din id-Direttiva.

2. Il-ħtieġa ta' esperjenza ta' tliet snin li hemm referenza għaliha fl-ewwel sub-paragrafu għandha titneħħa fil-każ ta' persuni li lestew b'suċċess mill-inqas tliet snin ta' studju li l-awtoritajiet kompetenti jiċċertifikaw li huma ekwivalenti għat-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

L-Artikolu 19d

1. Mid-data ta' l-adeżjoni tas-Slovakkja, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu, għall-iskopijiet li jiġu segwiti l-attivitatjiet li hemm referenza għalihom Fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra tal-kwalifiċi formali fil-mediċina li ngħataw fis-Slovakkja jew fl-ex-Ċekoslovakkja lill-persuni li bdew it-taħriġ mediku ta' l-università qabel l-adeżjoni, akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Slovakki li jiċċertifika li dawn il-persuni segwew l-attività msemmija bħala l-attività ewlenija tagħhom, effettivament u legalment, fis-Slovakkja għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġtaċ-ċertifikat u li dawn il-persuni huma awtorizzati li jsegwu l-attivitajiet imsemmija taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-possessuri tad-diploma li hemm referenza għaliha fl-Anness A ta' din id-Direttiva.

▼A4

2. Il-ħtieġa ta' esperjenza ta' tliet snin li hemm referenza għaliha fl-ewwel sub-paragrafu għandha titneħħa fil-każ ta' persuni li lestew b'suċċess mill-inqas tliet snin ta' studju li l-awtoritajiet kompetenti jiċċertifikaw li huma ekwivalenti għat-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

▼B

IL-KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 20

L-Istati Membri li jeħtieġu liċ-ċittadini tagħhom li jikkompletaw perjodu ta' taħriġ preparatorju sabiex isiru eliġibbli għall-ħatra bħala dentisti prattikanti ta' skema tas-sigurtà soċjali jistgħu jimponu l-istess ħtieġa fuq ċittadini ta' Stati Membri oħrajn għal perjodu ta' tmien snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva. Il-perjodu ta' taħriġ ma jistax, madanakollu, jaqbeż is-sitt xhur.

L-Artikolu 21

Fil-każ ta' dubji mhux ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor konferma ta' l-awtentiċità tad-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali maħruġa f'dak l-Istat Membru l-ieħor u msemmija fil-Kapitoli II, III u IV, u wkoll konferma li l-persuna kkonċernata ssodisfat il-ħtiġiet kollha ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva 78/687/KEE.

L-Artikolu 22

Fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 24(1), l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti biex joħorġu jew jirċievu diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali kif ukoll id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija f'din id-Direttiva u għandhom minnufih jinfurmaw l-Istati Membri u lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 23

Din id-Direttiva għandha wkoll tapplika għal ċittadini ta' Stati Membri li, skond ir-Regolament(KEE) Nru 1612/68, qegħdin jew sejrin ikunu qed isegwu bħala persuni impjegati kwalunkwe mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1.

▼M3

L-Artikolu 23a

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-liġijiet, ir-regolament jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li huma jadottaw f'dak li għandu x'jaqsam ma'l-għotja ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż adattat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, fejn telenka l-ismijiet adottati mill-Istati Membri għall-kwalifiki ta' taħriġ ikkonċernati u, fejn japplika, għat-titolu professjonali korrispondenti.

L-Artikolu 23b

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti, fir-rigward ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert minn din id-Direttiva ma jikkorrispondux ma' l-ismijiet elenkati għal dak l-Istat Membru f'din id-Direttiva, id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri u akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali msemmija, ġew mogħtija fit-tmiem ta' edukazzjoni u

▼M3

taħriġ li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li huma meqjusa mill-Istat Membru aġġudikatur bħala ekwivalenti għal dawk li l-ismijiet tagħhom jidhru f'dan ir-rigward.

L-Artikolu 23ċ

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert minn din id-Direttiva miksuba mill-possessur barra mill-Unjoni Ewropea f'każijiet fejn dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-evidenza l-oħra ta' kwalifiki formali ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, kif ukoll fil-każ ta' taħriġ magħmul u/jew esperjenza professjonali miksuba fi Stat Membru. L-Istat Membru għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-applikant jissottometti l-applikazzjoni tiegħu flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn.

L-Artikolu 23d

Meta l-applikazzjoni tkun miċħuda, l-Istati Membri għandhom, b'mod korrett, jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-applikanti għandhom ikollhom id-dritt ta' l-appell quddiem il-qrati taħt il-liġi nazzjonali. Id-dritt ta' l-appell għandu bl-istess mod japplika fil-każ li d-deċiżjoni ma titteħidx fil-perjodu stipulat.

▼B

L-Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni biha.

Madanakollu, l-Italja għandha tieħu dawn il-miżuri fi żmienperjodu massimu ta' sitt snin u fi kwalunkwe każ meta tieħu dawk neċessarji biex tikkonforma mad-Direttiva 78/687/KEE.

2. L-Istati Membri għandom jgħaddu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 25

Meta Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet maġġuri f'xi oqsma meta japplika din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina dawn id-diffikultajiet flimkien ma' dak l-Istat u għanda titlob l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika stabbilit bid-Deċiżjoni 75/365/KEE ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 78/689/KEE ([2]).

Meta neċessarju, il-Kummissjoni għandha tissottmetti proposti appropriati lill-Kunsill.

L-Artikolu 26

Din id-Direttiva nija ndirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 19.
([2]) ĠU L 233, tal-25.7.1978, p. 17.

▼M3

L-ANNESS A

Titoli ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistrija

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l -kwalifika
Belgique/België/Belgien	— Diploma van tandarts — Diplôme de licencié en science dentaire	1. De universiteiten / les universités 2. De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap/le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française	
▼A4 Česká republika	Diplom o ukončení studia ve studijním programu zubní lékařství (doktor zubního lékařství, Dr. med. Dent.)	Lékařská fakulta univerzity v České republice	Vysvědčení o státní rigorózní zkoušce
▼M3 Danmark	Bevis for tandlægeeksamen (odontologisk kandidateksamen)	Tandlægehøjskolerne, Sundhedsvidenskabeligt universitetsfakultet	Autorisation som tandæge, udstedt af Sundhedsstyrelsen
Deutschland	Zeugnis über die Zahnärztliche Prüfung	Zuständige Behörden	
▼A4 Eesti	Diplom hambaarstiteaduse õppekava läbimise kohta	Tartu Ülikool	
▼M3 Ελλάς	Πτυχίο Οδοντιατρικής	Πανεπιστήμιο	
España	Título de Licenciado en Odontología	El rector de una Universidad	
France	Diplôme d'Etat de docteur en chirurgie dentaire	Universités	
Ireland	Bachelor in Dental Science (B. Dent. Sc.) / Bachelor of Dental Surgery (BDS) / Licentiate in Dental Surgery (LDS)	Universities / Royal College of Surgeons in Ireland	
Italia	Diploma di laurea in Odontoiatria e Protesi Dentaria	Universitá	Diploma di abilitazione all'esercizio dell'odontoiatria e protesi dentaria
▼A4 Κύπρος	Πιστοποιητικό Εγγραφής Οδοντιάτρου	Οδοντιατρικό Συμβούλιο	

▼A4

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l -kwalifika
Latvija	Zobārsta diploms	Universitātes tipa augstskola	Rezidenta diploms par zobārsta pēcdiploma izglītības programmas pabeigšanu, ko izsniedz universitātes tipa augstskola un “Sertifikāts” - kompetentas iestādes izsniegts dokuments, kas apliecina, ka persona ir nokārtojusi sertifikācijas eksāmenu zobārstniecībā
Lietuva	Aukštojo mokslo diplomas, nurodantis suteiktą gydytojo odontologo kvalifikaciją	Universitetas	Internatūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą gydytojo odontologo profesinę kvalifikaciją
▼M3 Luxembourg	Diplôme d'Etat de docteur en médecine dentaire	Jury d'examen d'Etat	
▼A4 Magyarország	Fogorvos oklevél (doctor medicinae dentariae, abrév.: dr. med. dent.)	Egyetem	
Malta	Lawrja fil-Kirurġija Dentali	Università ta' Malta	
▼M3 Nederland	Universitair getuigschrift van een met goed gevolg afgelegd tandartsexamen	Faculteit Tandheelkunde	
Österreich	Bescheid über die Verleihung des akademischen Grades Doktor der Zahnheilkunde	Medizinische Fakultät der Uniersität	
▼A4 Polska	Dyplom ukończenia studiów wyższych z tytułem “lekarz dentysta”	1. Akademia Medyczna 2. Uniwersytet Medyczny 3. Collegium Medicum Uniwersytetu Jagiellońskiego	Lekarsko — Dentystyczny Egzamin Państwowy
▼M3 Portugal	Carta de curso de licenciatura em medicina dentária	Faculdade / Institutos Superiores	
▼A4 Slovenija	Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov “doktor dentalne medicine / doktorica dentalne medicine”	Univerza	Potrdilo o opravljenem strokovnem izpitu za poklic zobozdravnik / zobozdravnica

▼A4

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l -kwalifika
Slovensko	Vysokoškolský diplom o udelení akademického titulu “doktor zubného lekárstva” (“MDDr.”)	Vysoká škola	
▼M3 Suomi/Finland	Hammaslääketieteen lisensiaatin tutkinto / odontologie licentiatexamen	1. Helsingin yliopisto / Helsingfors universitet 2. Oulun yliopisto 3. Turun yliopisto	Terveydenhuollon oikeusturvakeskuksen päätös käytännön palvelun hyväksymisestä / Beslut av Rättsskyddscentralen för hälsovården om godkännande av praktisk tjänstgöring
Sverige	Tandläkarexamen	Universitetet i Umeå Universitetet i Göteborg Karolinska Institutet Malmö Högskola	Endast för examensbevis som erhållits före den 1 juli 1995, ett utbildningsbevis som utfärdats av Socialstyrelsen
United Kingdom	Bachelor of Dental Surgery (BDS or B. Ch. D.) Licentiate in Dental Surgery	Universities / Royal Colleges	

▼M3

L-ANNESS B

Titoli ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistrija speċjalizzata

1. *Ortodonzja*

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifika
Belgique/België/Belgien	—		
▼A4 Česká republika	—		
▼M3 Danmark	Bevis for tilladelse til at betegne sig som specialtandlæge i ortodonti	Sundhedsstyrelsen	
Deutschland	Fachzahnärztliche Anerkennung für Kieferorthopädie	Landeszahnärztekammer	
▼A4 Eesti	Residentuuri lõputunnistus ortodontia erialal	Tartu Ülikool	
▼M3 Ελλάς	Τίτλος Οδοντιατρικής ειδικότητας της Ορθοδοντικής	1. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση 2. Νομαρχία	
España	—		
France	Titre de spécialiste en orthodontie	Conseil National de l'Ordre des chirurgiens dentistes	
Ireland	Certificate of specialist dentist in orthodontics	Competent authority recognised for this purpose by the competent minister	
Italia	—		
▼A4 Κύπρος	Πιστοποιητικό Αναγνώρισης του Ειδικού Οδοντιάτρου στην Ορθοδοντική	Οδοντιατρικό Συμβούλιο	
Latvija	"Sertifikāts" - kompetentas iestādes izsniegts dokuments, kas apliecina, ka persona ir nokārtojusi sertifikācijas eksāmenu ortodontijā	Latvijas Ārstu biedrība	

▼A4

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifika
Lietuva	Rezidentūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą gydytojo ortodonto profesinę kvalifikaciją	Universitetas	
▼M3 Luxembourg	—		
▼A4 Magyarország	Fogszabályozás szakorvosa bizonyítvány	Az Egészségügyi, Szociális és Családügyi Minisztérium illetékes testülete	
Malta	Certifikat ta' speċjalista dentali fl-Ortodonzja	Kumitat ta' Approvazzjoni dwar Speċjalisti	
▼M3 Nederland	Bewijs van inschrijving als orthodontist in het Specialistenregister	Specialisten Registratie Commissie (SRC) van de Nederlandse Maatschappij tot bevordering der Tandheelkunde	
Österreich	—		
▼A4 Polska	Dyplom uzyskania tytułu specjalisty w dziedzinie ortodoncji	Centrum Egzaminów Medycznych	
▼M3 Portugal	—		
▼A4 Slovenija	Potrdilo o opravljenem specialističnem izpitu iz čeljustne in zobne ortopedije	1. Ministrstvo za zdravje 2. Zdravniška zbornica Slovenije	
Slovensko	—		
▼M3 Suomi/Finland	Erikoishammaslääkärin tutkinto, hampaiston oikomishoito / specialtandläkarexamen, tandreglering	1. Helsingin yliopisto / Helsingfors universitet 2. Oulun yliopisto 3. Turun yliopisto	
Sverige	Bevis om specialistkompetens i tandreglering	Socialstyrelsen	
United Kingdom	Certificate of Completion of specialist training in orthodontics	Competent authority recognised for this purpose	

▼M3

2. *Kirurġija Orali*

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifika
Belgique/België/Belgien	—		
▼A4 Česká republika	—		
▼M3 Danmark	Bevis for tilladelse til at betegne sig som specialtandlæge i hospitalsodontologi	Sundhedsstyrelsen	
Deutschland	Fachzahnärztliche Anerkennung für Oralchirurgie / Mundchirurgie	Landeszahnärztekammer	
▼A4 Eesti	—		
▼M3 Ελλάς	Τίτλος Οδοντιατρικής ειδικότητας της Γναθοχειρουργικής	1. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση 2. Νομαρχία	
España	—		
France	—		
Ireland	Certificate of specialist dentist in oral surgery	Competent authority recognised for this purpose by the competent minister	
Italia	—		
▼A4 Κύπρος	Πιστοποιητικό Αναγνώρισης του Ειδικού Οδοντιάτρου στην Στοματική Χειρουργική	Οδοντιατρικό Συμβούλιο	
Latvija	—		
Lietuva	Rezidentūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą burnos chirurgo profesinę kvalifikaciją	Universitetas	
▼M3 Luxembourg	—		

▼M3

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp aġġudikatur	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifika
▼A4 Magyarország	Dento alveoláris sebészet szakorvosa bizonyítvány	Az Egészségügyi, Szociális és Családügyi Minisztérium illetékes testülete	
Malta	Ċertifikat ta' speċjalista dentali fil-Kirurġija tal-ħalq	Kumitat ta' Approvazzjoni dwar Speċjalisti	
▼M3 Nederland	Bewijs van inschrijving als kaakchirurg in het Specialistenregister	Specialisten Reigstratie Commissie (SRC) van de Nederlandse Maatschappij tot bevordering der Tandheelkunde	
Österreich	–		
▼A4 Polska	Dyplom uzyskania tytułu specjalisty w dziedzinie chirurgii stomatologicznej	Centrum Egzaminów Medycznych	
▼M3 Portugal	–		
▼A4 Slovenija	Potrdilo o opravljenem specialističnem izpitu iz oralne kirurgije	1. Ministrstvo za zdravje 2. Zdravniška zbornica Slovenije	
Slovensko	—		
▼M3 Suomi/Finland	Erikoishammaslääkärin tutkinto, suu- ja leukakirurgia / specialtandläkarexamen, oral och maxillofacial kirurgi	1. Helsingin yliopisto / Helsingfors universitet 2. Oulun yliopisto 3. Turun yliopisto	
Sverige	Bevis om specialistkompetens i tandsystemets kirurgiska sjukdomar	Socialstyrelsen	
United Kingdom	Certificate of completion of specialist training in oral surgery	Competent authority recognised for this purpose	